MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 19/2008

Anthony u Josephine known as Jessie
Konjuġi Gambin.

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Josephine magħrufa bħala Jessie Gambin, et li permezz tiegħu wara li ppremettew:

Illi l-att tat-twelid numru wieħed u tletin (31) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) relattiv għat-twelid ta' l-attriċi Josephine known as Jessie Gambin nee' Grech (Dokument A) fih żball billi fil-parti relattiva għal "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "Jessie" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "Josephine known as Jessie".

Illi l-att taż-żwieġ tal-atturi numru sitta u disgħin (96) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) huwa wkoll skorrett billi fil-kolonna indikata "Isem u kunjom" isem l-attriċi hemm indikat bħala "Josephine Carmela Esther to be called Jessie" jrid jiġi sostitwit b' "Josephine known as Jessie" (Dokument B).

Illi l-atturi fil-31 ta' Jannar 1997 ġia ottjenew sentenza fil-kawża bin-numru 200/96 intavolata quddiem din l-istess Qorti sabiex issir il-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid ta' ulied l-atturi fejn ġie awtorizzat li isem l-attriċi jitniżżel "Josephine known as Jessie" (Dokument C).

Illi l-atturi jridu li issa jiġu korretti kemm l-Att ta' twelid ta' l-attriċi u kif ukoll l-att taż-żwieġ ta' bejn l-atturi.

Talbu lil din il-Qorti jogħġobha,

1) Tiddikjara illi l-Att ta' Twelid numru wieħed u tletin (31) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) relattiv għat-twelid ta' l-attriċi Josephine known as Jessie Gambin nee' Grech (dokument A) fih żball billi fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "Jessie" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "Josephine known as Jessie".

2) Tiddikjara illi fl-att taż-żwieġ ta' l-atturi numru sitta u disgħin (96) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) huwa wkoll skorrett billi fil-kolonna indikata "Isem u kunjom" isem l-attriċi hemm indikat bħala "Josephine Carmela Esther to be called Jessie" u jrid jigi sostitwit b'"Josephine known as Jessie" (dokument B).

3) Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess Att tat-twelid numru wieħed u tletin (31) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) u l-att taż-żwieġ ta' l-atturi bin-numru sitta u disgħin (96) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993).

Bl-ispejjeż.

Il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġi nġunt.

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' l-Att tat-twelid ta' Josephine known as Jessie Gambin, mahruġ mir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex; bħala dokument B, ċertifikat taż-żwieġ ta' l-atturi maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex ukoll; u bħala dokument C, deċiżjoni tal-Qorti tal-31 ta' Jannar 1997 mogħtija fil-kawża bin-numru 200/96.

Rat ir-rikors ta' l-atturi ta' l-erbatax (14) ta' Marzu 2008, li permezz tiegħu talbu li l-proċeduri f'din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha tat-tmienja (8) ta' April 2008, li permezz tiegħu laqgħet l-istess talba.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, li permezz tagħha huwa ma opponiex għat-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti, wara li semgħet lill-istess rikorrenti Josephine magħrufa bħala Jessie Gambin tikkonferma l-kontenut tar-rikors tagħha, u peress li jidhrilha illi t-talbiet preżenti huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża, billi tilqa' l-istess talbiet, u :

1) Tiddikjara illi l-Att ta' Twelid numru wieħed u tletin (31) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) relattiv għat-twelid ta' l-attriċi Josephine known as Jessie Gambin nee' Grech (dokument A) fih żball billi fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "Jessie" huwa skorrett u jrid jiġi korrett bħala "Josephine known as Jessie".

2) Tiddikjara illi fl-att taż-żwieġ ta' l-atturi numru sitta u disgħin (96) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) huwa wkoll skorrett billi fil-kolonna indikata "Isem u kunjom" isem l-attriċi hemm indikat bħala

"Josephine Carmela Esther to be called Jessie" u jrid jigi sostitwit b'"Josephine known as Jessie" (dokument B).

3) Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess Att tat-twelid numru wieħed u tletin (31) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) u ta' l-att taż-żwieġ ta' l-atturi bin-numru sitta u disgħin (96) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993).

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------